Qorti ta' l-Appell

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru:- 235/2011AE

**Gianluca Scala [K.I. 52853(A)]**

**vs**

**Palazzo Events Limited (C 37746)**

L-Erbgha, 16 ta' Marzu 2016

Permezz ta' rikors datat 19 ta' Lulju 2011 ir-rikorrent talab lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex tikkundanna lis-socjeta' ntimata thallsu s-somma ta' ghaxart elef Ewro (€10,000) rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta lilu mill-istess socjeta' skont ftehim li kien gie ffirmat bejn il-partijiet fit-3 ta' Marzu 2010.

Fir-risposta taghha[1] s-socjeta' ntimata rrespingiet il-pretensjonijiet tar-rikorrent u qalet li l-ftehim esibit mir-rikorrent kien milqut bi zball u ngann in kwantu meta sar dak il-ftehim, huwa kien zamm mistur il-fatt li huwa kien debitur taghhom. Infatti rrizulta li fost affarijiet ohra (a) is-socjeta' ntimata kienet tat erbat elef Ewro (Eur4,000) sabiex ir-rikorrent ihallas xi penali, liema penali qatt ma thallsu mir-rikorrent u qatt ma kienu dovuti; (b) ir-rikorrent kien tella' kont ghall-uzu tat-telefon cellulari ta' tmint elef Ewro (€8,000) f'disa' xhur u s-socjeta' ntimata kellha taghmel tajjeb ghal dan il-hlas avolja hija ma kinitx responsabbli ghalih; u (c) r-rikorrent ghamel diversi hsarat fl-appartament mikri lilu bil-konsegwenza li s-socjeta' ntimata tilfet id-depozitu li kienet ghamlet ma' terzi ghan-nom tieghu f'dan l-appartament. Ghalhekk ghandu jirrizulta li fil-fatt is-socjeta' ntimata hija kreditrici tar-rikorrent u ma ghandha thallsu xejn.

B'sentenza datata 22 ta' Jannar 2014 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) iddecidiet il-vertenza kif gej:

*"Ghalhekk din il-Qorti tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta u tilqa' t-talba attrici b'dan illi tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' ghaxart elef ewro (€10,000) kif mitluba minnu fir-rikors promotur tieghu u dan ghall-istess ragunijiet mressqa minnu.*

*Bl-ispejjez a karigu tas-socjeta' konvenuta u l-interessi fuq is-somma ta' ghaxart elef*

[1] Fol 6.

*ewro (€10,000) ghandhom jibdew jiddekorru min-notifika tar-rikors promotur."*
Dan wara li l-istess Qorti kkunsidrat li:-

i. Ir-rikorrent kien gie ngaggat mis-socjeta' ntimata biex jaghmel xoghol ta' *General Manager* f'Palazzo Parisio gewwa n-Naxxar. Dam f'din il-kariga diversi xhur sakemm l-impjieg tieghu gie terminat wara dizgwid li nqala' bejnu u d-dirigenti tas-socjeta' ntimata;
ii. Gie ffirmat ftehim datat 3 ta' Marzu 2010 intiz li jirrizolvi l-pendenzi kollha li kellhom bejniethom il-partijiet dwar dan l-impjieg. Gie maqbul li l-kuntratt ta' mpjieg tar-rikorrent kien qieghed jigi rexxiss b'effett mis-6 ta' Frar 2010 taht diversi kundizzjonijiet: (a) is-socjeta' ntimata kellha thallas lir-rikorrent is-somma ta' ghoxrin elf Ewro (€20,000) ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha naxxenti minn u relatati ma' dan l-impjieg; (b) is-somma ta' hamest elef Ewro (€5,000) thallset mal-iffirmar tal-ftehim; (c) il-bilanc ta' hmistax il-elf Ewro (€15,000) kellu jithallas fi tlett pagamenti ta' hamest elef Ewro (€5,000) kull wiehed u dan fuq medda ta' tlett xhur: 30 t'April 2010, 31 ta' Mejju 2010 u 30 ta' Gunju 2010; (d) gie dikjarat ukoll li qabel l-iffirmar ta' dan il-ftehim ir-rikorrent kien thallas is-somma ta' elfejn Ewro (€2,000) ghas-saldu ta' kull pretensjoni relatata ma' pagi, salarji, hlas ghal vaganzi u ammonti ohra dovuti lilu. It-telefon cellulari tal-kumpanija gie wkoll ritornat; (e) Gianluca Scala u l-familja tieghu kienu intitolati jibqghu jabitaw fl-appartament il-Mosta mikri mis-socjeta' ntimata sa mhux aktar tard mill-31 t'Awissu 2010;
iii. Irrizulta mix-xhieda mhix kontradetta tar-rikorrent li mill-hlas dovut lilu skont dan il-ftehim huwa thallas biss Eur10,000 u kien fadallu bilanc ta' Eur10,000 x'jithallas minghand is-socjeta' ntimata[2];
iv. Is-socjeta' ntimata ppretendiet li dan il-bilanc ma kienx dovut ghaliex hija kienet hallset il-kont tat-telefon cellulari tar-rikorrent li kien jammonta ghal tmint elef Ewro (Eur8,000). Izda mill-provi rizulta b'mod mhux kontradett li l-kuntratt tat-telefon cellulari kien bejn is-socjeta' ntimata u l-kumpanija tal-mobiles kif ukoll li kien hemm qbil bejn ir-rikorrent u s-socjeta' ntimata li huwa seta' juza dan il-mobile ghall-uzu kemm tax-xoghol kif ukoll privat[3];
v. Is-socjeta' ntimata ppretendiet ukoll li dan il-bilanc mhux dovut ghaliex hija kienet hallset ghall-hsara li r-rikorrent ikkaguna fl-appartament li kien gie mikri lilu. Izda mill-provi rrizulta li l-appartament in kwistjoni kien gie mikri lis-socjeta' konvenuta u r-rikorrent kien jghix fih. Is-socjeta' konvenuta kienet responsabbli ghall-hlas tal-kera ta' dan il-fond u kienet tkun tardiva fil-pagamenti tal-kera. Is-sid tal-appartament xehed li hu ma

[2] Affidavit tar-rikorrent a fol 20 para 12.
[3] Affidavit tar-rikorrent a fol 20 para 14.

kellu ebda relazzjoni kontrattwali mar-rikorrent u kellu x'jaqsam biss mas-socjeta' ntimata[4];

vi. Il-kwistjoni bejn il-partijiet fil-kawza hija wahda semplici ta' *pacta sunt servanda*;

vii. Ir-rikorrent wera li s-socjeta' ntimata ma onoratx l-obbligi taghha naxxenti mill-ftehim tat-3 ta' Marzu 2010 filwaqt li s-socjeta' ntimata ma gabitx provi dwar l-allegati hlasijiet li hija qalet li ghamlet ghan-nom tar-rikorrent dwar it-telefon cellulari u dwar il-hsarat fl-appartament.

Is-socjeta' ntimata hassitha aggravata minn din is-sentenza u ntavolat appell minnha quddiem din il-Qorti. Ir-rikorrent appellat wiegeb. Waqt is-seduta tas-6 ta' Mejju 2015[5] dehru d-difensuri tal-partijiet u ghamlu sottomissjonijiet orali.

Il-Qorti rat l-atti.

**L-ewwel aggravju.**

Is-socjeta' ntimata (appellant) ilmentat li d-digriet tal-ewwel Qorti tal-10 ta' Dicembru 2013[6] li bih sfilzat l-affidavit tax-xhud tas-socjeta' ntimata Umberto Pergola. L-appellanti tghid li dan ix-xhud kellu raguni valida sabiex ma jattendix il-Qorti ghas-seduta tal-10 ta' Dicembru 2013 ghax kien ma jiflahx u gew esibiti certifikati medici. Ghalhekk la l-assenza tax-xhud kienet gustifikata l-Qorti ma kellhiex tisfilza l-affidavit u d-dokumenti annessi mieghu izda kellha minflok tahtar Perit Legali sabiex jisma' l-kontro-ezami tieghu.

Il-Qorti tinnota li minn dak li jirrizulta mill-atti:

i. L-affidavit ta' Umberto Pergola u d-dokumenti annessi mieghu pprezentati permezz ta' Nota mis-socjeta' ntimata fl-20 ta' Gunju 2012 gew sfilzati skont ordni tal-Qorti moghtija fl-10 ta' Dicembru 2013 izda dokument wiehed a fol 34 tal-process rega' gie nserit fl-atti b'digriet tal-Qorti moghti fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2014[7];

ii. Ix-xhud imsemmi kien tharrek sabiex jixhed in kontro-ezami ghal seduti ohra: (a) **Seduta tat-3 ta' Lulju 2013**[8] izda d-difensur tas-socjeta' ntimata nforma lill-Qorti dakinhar tas-seduta li x-xhud ma setax jitla' l-Qorti[9]. Ma nghatat ebda raguni partikolari ghalfejn u lanqas gie prodott

---

[4] Affidavit John Taylor a fol 54 *et seq*.
[5] Fol 21.
[6] Fol 91.
[7] Nota tad-Deputat Registratur a fol 28A.
[8] Fol 70.
[9] Fol 72.

certifikat mediku li jkopri din l-assenza; (b) **<u>Seduta tal-4 t'Ottubru 2013</u>**[10] izda lanqas ghal din is-seduta ma deher u ma nghatat ebda raguni ghall-assenza tax-xhud[11]; (c) waqt is-seduta **tat-<u>13 ta' Novembru 2013</u>**[12] ix-xhud rega' ma deherx. Il-Qorti vverbalizzat li t-tahrikiet li kienu nhargu lil Umberto Pergola fiz-zewg seduti precedenti kienu pozittivi ghalhekk ordnat il-hrug ta' Mandat ta' Skorta fil-konfront tieghu ghas-seduta li jmiss; (d) waqt is-seduta **tal-<u>4 ta' Dicembru 2013</u>**[13] deher id-difensur tas-socjeta' ntimata li nforma lill-Qorti li dan ix-xhud kien indispost. Ma gie prodott ebda certifikat mediku biex jiggustifika din l-assenza. Il-Qorti ordnat lil Dr Mario Scerri sabiex dakinhar stess jaccedi fir-residenza ta' Umberto Pergola, jezamina lix-xhud u jirrelata lura lill-Qorti. Ordnat ukoll li l-Mandat ta' Skorta fuq Pergola jigi esegwit sas-seduta li jmiss. Mill-atti ma tirrizultax relazzjoni ta' Dr Mario Scerri[14]; (e) Waqt is-seduta tal-10 ta' Dicembru 2013[15] id-difensur tas-socjeta' ntimata pprezenta certifikat mediku ta' dan ix-xhud[16] izda f'dak l-istadju l-Qorti ddecidiet li peress li kienu saru diversi tentattivi sabiex Umberto Pergola jingieb quddiem il-Qorti ghall-kontro-ezami u huwa ripetutament naqas li jidher, l-affidavit tieghu kellu jigi sfilzat mill-atti.

Maghmula dawn l-osservazzjonijiet din il-Qorti tqis li x-xhud Umberto Pergola kellu diversi okkazjonijiet sabiex jixhed in kontro-ezami. Hu evidenti li x-xhud kellu konnessjoni diretta mas-socjeta appellanti. Tant hu hekk li fir-rikors tal-appell, is-socjeta appellant rreferiet ghalih bhala *"r-rapprezentant tas-socjeta appellanti"*. Il-qorti tat bizzejjed opportunita' sabiex ix-xhud jattendi. L-ewwel qorti kienet gustifikata li tiehu provvediment meta tqies li x-xhud kien gie notifikat b'tahrika ta' xhud ghas-seduti tat-3 ta' Lulju 2013 u 4 ta' Ottubru 2013 u m'attendiex, minghajr ma nghatat raguni. L-istess gara fit-13 ta' Novembru 2013.

F'dan l-istadju u fid-dawl ta' dan kollu ma hemm ebda gustifikazzjoni f'dan l-aggravju tas-socjeta' appellanti u ghaldaqstant qieghed jigi michud.

**<u>It-tieni aggravju</u>.**

Is-socjeta' appellanti hassitha aggravata bil-fatt li l-ewwel Qorti kkundannata thallas lir-rikorrent il-bilanc rimanenti mis-somma dovuta skont il-ftehim tat-3 ta' Marzu 2010, minghajr ma tat konsiderazzjoni lil pretensjonijiet li s-socjeta' llum appellanti

---

[10] Fol 74.
[11] Verbal Fol 81.
[12] Verbal Fol 83.
[13] Verbal Fol 88.
[14] Ghalkemm jidher li din saret ghax id-dritt ta' dan l-espert mediku gie ntaxxat – Fol 104.
[15] Fol 91.
[16] Fol 102.

kellha fil-konfront tar-rikorrent. Issostni li l-ewwel Qorti kellha tikkoncedi li ebda ammont ma kien dovut lir-rikorrent u dan b'rikonoxximent ghat-tpaccija *ex lege* mal-ammonti li kienet hallset is-socjeta' appellanti ghan-nom tieghu ghal dak li jirrigwarda (i) hlas ta' danni lis-sid tal-appartament fejn kien ghex ir-rikorrent matul l-impjieg tieghu mal-kumpanija; (ii) hlas lir-rikorrent sabiex ikun jista' jaghmel tajjeb ghal penali meta telaq qabel il-waqt mill-impjieg precedenti, liema penali r-rikorrent baqa' qatt ma hallas, (iii) kif ukoll hlas tal-kontijiet kbar ghall-uzu tat-telefon cellulari li kien inghata lill-rikorrent.

Il-Qorti tqis li l-bazi tal-azzjoni odjerna hija l-hlas rimanenti dovut a tenur ta' ftehim bejn iz-zewg partijiet fil-kawza ffirmat volontarjament fit-3 ta' Marzu 2010. L-effett fil-ligi ta' dak il-ftehim huwa li dak maqbul bejn l-appellat u s-socjeta' appellanti ghandu s-sahha ta' ligi (artikolu 992 tal-Kodici Civili[17]). Il-pattijiet u l-kundizzjonijiet hemm stipulati kienu cari u inekwivoci u ghalhekk ma jaghtu ghal ebda lok ta' nterpretazzjoni (artikolu 1002 tal-Kodici Civili[18]).

Fis-sentenza **Charles Elia Muscat et vs Elton Debono** deciz fl-14 ta' Jannar 2016[19] intqal hekk:-

*"Hawnhekk issir referenza ghall-gurisprudenza estensiva, fir-rigward. Kif jinghad fid-decizjoni fl-ismijiet **Edward Rizzo noe v. Lt. Col. Charles E. Dawson noe**, Appell Civili, 15 ta' Mejju 1953, "il-klawsoli stampati f'kuntratt ghandhom jigu moghtija l-forza li ghandhom il-kliem taghhom mill-aspett guridiku".*

*F'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-11 ta' Novembru 1997, fl-ismijet **Eric Schembri et noe v. Lewis Baldacchino,** inghad: "Fil-fehma tal-Qorti, il-qofol u l-pedament ta' kull liġi li qatt saret biex tirregola l-konvivenza soċjali bbażata fuq l-obbligazzjoni sa mill-bidu – ċjoe' ir-rationallis principium huwa li pacta sunt servanda."*

*Sentenza ohra ta' din il-Qorti (diversament preseduta) fl-ismijiet **Salvu Fenech et v. Malta Dairy Products Limited et** deciza 30 t'Ottubru 2003, ittenni l-principju fir-rigward:*

*"Il-prinċipju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tiġi osservata. Pacta sunt servanda." (A.C. 5 ta' Ottubru 1998 – **"Gloria mart Jonathan Beacom et v L-Arkitett u Nginier Civili Anthony Spiteri Staines").***

*…….*

*Illi dan iwassal għall-prinċipju ieħor stabbilit li jirritjeni li l-kuntratti għandhom jiġu esegwiti in 'bona fede' u li jobbligaw mhux biss dak li jingħad fihom, izda wkoll għall-*

---

[17] *"(1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom. (2) Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bilkunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi".*
[18] *"Meta l-kliem ta' konvenzjoni, meħud fis-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar, ma hemmx lok għal interpretazzjoni".*
[19] Prim Awla tal-Qorti Civili Rik Nru 794/2011.

*konsegwenzi kollha li ġġib magħha tali obbligazzjoni.* ***("Joseph Francis Depares nomine vs John o'Dea nomine"*** *– A.C. – 25 ta' Ġunju 1996)."*

Fost il-kundizzjonijiet li qablu dwarhom il-partijiet hemm il-klawsoli enumerati 1 u 2 fil-ftehim in dezamina li jghidu hekk:

*"1. Palazzo Events Limited undertakes to effect payment of Euro twenty thousand (€20,000) to Mr Scala, which is accepted by Mr Scala in full and final settlement of all claims and dues arising out of the employment referred to……*

*2. The sum of Euro five thousand (€5,000) is being paid on this agreement and for which amount of €5,000 Mr Scala tenders receipt thereon. The balance of fifteen thousand euro (€15,000) will be due and payable in three instalments of Euro five thousand (€5,000) per month on the 30th April 2010, the 31st May 2010 and the 30th June 2010."*

Irrizulta mill-provi li r-rikorrent thallas biss ghaxart elef Ewro (€10,000) mis-somma kollha dovuta. Ir-rikorrent appellat xehed hekk:-

*"The agreement was that I would get a final payment of Eur20,000. I got two cheques from Charles Cassano of Eur5,000 each, after which I did not get any further payments."*[20]

Fatti li ma gewx kontradetti. Kellha ragun l-ewwel Qorti tikkonkludi li din kienet kwistjoni semplici ta' *pacta sunt servanda*. Kienet is-socjeta' ntimata llum appellanti li ma onoratx l-obbligi li ntrabtet bihom u gustament ghalhekk hija giet ordnata taghmel tajjeb ghall-inadempjenza taghha.

Dwar l-argument tas-socjeta' appellanti dwar it-tpaccija *ex lege*, l-Artikolu 1197 tal-Kodici Civili:

*"(1) It-tpaċija ssir biss bejn żewġt idjun li jkollhom it-tnejn bhala oggett somma ta' flus, jew kwantità determinata ta' ħwejjeġ funġibbli tal-istess speċi, u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistgħu jintalbu.*

*(2) Id-dejn hu likwidu meta hu ċert ukoll f'dik li hija kwantità".*

L-oneru tal-prova qieghed fuq is-socjeta konvenuta.

Dwar id-danni ta' €868.48[21] pretizi mis-socjeta' appellanti ghal hsarat kagunati lis-sid tal-appartament fejn kien jghix l-appellat, jirrizulta li l-ftehim tal-kera kien bejn is-socjeta' appellanti u s-sid Anthony Mifsud[22] u kien jipprevedi li s-socjeta' appellanti li kellha taghmel tajjeb ghall-hsara lis-sid ghal kwalunkwe hsarat li jirrizultaw fil-post[23]. Ir-rikorrent appellat fil-kontro-ezami ndika li huwa kien jaqbel biss ma uhud mill-oggetti li gew danneggjati[24]. It-tpacija ghalhekk qatt ma setghet issehh *ex lege* u fi

---

[20] Fol 20 – affidavit tal-appellat (paragrafu 12).
[21] Skont Invoice datata 10 ta' Settembru 2010 a fol 55.
[22] Kuntratt a fol 58.
[23] Klawsola 4 tal-kuntratt.
[24] Seduta tal-15 ta' Mejju 2013 a fol 69.

kwalunkwe kaz is-socjeta' ntimata ma pproponitx rikonvenzjoni. Hu minnu li mill-provi rrizulta li d-depozitu li l-appellanti hallset meta kriet il-fond, kien inzamm minn sid il-kera (ara affidavit ta' John Taylor a fol. 54). Pero' rrizulta wkoll kif:

i. L-appellanti naqset milli tibghat lil xi hadd ghall-ispezzjoni li kienet saret minn sid il-kera, minkejja li kienet giet mistiedna (ara email datata 22 ta' Gunju 2010 li John Taylor baghat lil Charles Cassano, fol. 97). John Taylor stess xehed kif l-ispezzjoni saret fl-assenza ta' rapprezentant tas-socjeta appellanti. Ghalhekk jidher li l-appellanti addottat posizzjoni ghal kollox passiva u ma kkontestat xejn. F'dan kollu ma jirrizultax li l-appellat gie b'xi mod involut.
ii. L-appellat ma jaccettax li kkaguna l-hsara kollha li tissemma fid-dokument a fol. 62.

Fic-cirkostanzi ladarba hemm kontestazzjoni min-naha tal-appellat dwar il-hsara, m'hemmx bazi biex jigi ddikjarat li hemm tpacija.

Dwar is-somma ta' €4,000 li s-socjeta' appellanti tghid li kienet hallset lill-appellat biex dan ihallas lill-*employer* precedenti bhala penali, u liema somma baqghet skont l-appellanti ma thallsitx mill-appellat ghal dak il-ghan, m'hemmx rikonvenzjoni. Dwar din ic-cifra l-appellat xehed: *"With regard to the reply filed by Palazzo Events Limited, I must say that I totally reject what they allege. With regard to the sum of Eur4,000, first of all, I had negotiated a sum with Palazzo Events Limited as they wanted me to join them two months before what we had agreed to. However, if their official records show otherwise, I would like to see this."*[25]. Huwa minnu li d-dokument iffirmat mill-appellat a fol. 34 tal-process juri li huwa kien qieghed *jircievi "Euro4000 a titolo di penale per risoluzione anticipate contratto Intercontinental Malta"*, bhala spiza li kien ghamel biex telaq mill-impieg li kellu band'ohra. Somma li skond dan id-dokument inghatat lill-appellat fil-5 ta' Gunju 2009, u allura ferm qabel l-iffirmar tal-ftehim tat-3 ta' Marzu 2010 bejn il-partijiet, u li hu l-pern tal-kwistjoni. F'dan ir-rigward, il-qorti tosserva:-

i. M'hemmx prova meta l-appellanti saret taf li effettivament l-appellat ma hallasx penali lill-principal tieghu. Probabilment kieku s-somma kellha verament tithallas bhala penali, l-appellanti kienet ser titlob prova qabel taghmel il-hlas u ghallinqas titlob li tinghata ricevuta tal-hlas. Prova ta' dan m'hemmx. F'dan ix-xenarju r-raguni tghidlek li l-verzjoni tal-appellat hi l-verita'.
ii. M'hemmx prova li s-somma ta' €4,000 kienet qatt giet diskussa f'xi zmien wara li l-appellat beda jahdem mas-socjeta appellant jew wara li l-partijiet nnegozjaw u ffirmaw l-iskrittura privata ta' transazzjoni.

Dwar is-somma ta' €5,196 u l-pretensjoni tas-socjeta' appellanti li dawn ghandhom jitqiesu pacuti ma' hlasijiet li ghamlet ghall-kont tat-telefon cellulari uzat mill-appellat, mill-provi rrizulta li t-telefon kien tas-socjeta' appellanti, u li l-hlas tal-kont

---

[25] Paragrafu 13 tal-affidavit tar-rikorrent a fol 20.

kull xahar kellu jsir minnha[26]. It-telefon cellulari nghata lura lis-socjeta' appellanti mal-iffirmar tal-ftehim tat-3 ta' Marzu 2010[27]. Prova ohra rilevanti m'hemmx. Fuq bazi ta' probabilita' li kieku kien hemm bazi fl-argument tal-appellanti, din il-materja kienet tigi sollevata qabel gie ffirmat il-kuntratt tat-3 ta' Marzu 2010 (fol. 2) li bih l-appellanti obbligat ruhha li thallas lill-appellat is-somma ta' €20,000. Fil-fatt f'dak il-kuntratt jinghad: *"The company's mobile phone is being returned on this agreement and receipt hereof is granted on this agreement"*. Charles Cassano, li kien jaghti servizz ta' accounting lis-socjeta appellant, ikkonferma li l-kontijiet kienu jintbaghatu ghand is-socjeta appellant (fol. 16). L-appellat xehed: *"With regard to the phone bill, I have no idea how much the bill was, however, I had agreed with the directors that I could use this phone for private and business use. However, the contract was made directly by Palazzo Events Limited with Go mobile. The bills were issued monthly and the only person who authorized payment was Baroness Scicluna. Throughout my employment nobody ever questioned me about the bill or how I was using the mobile"* (fol. 20). M'hemmx dubju li s-socjeta appellanti kienet taf x'kien dovut f'dan ir-rigward gialadarba kienet qeghda tircevihom, u dan zgur qabel ma gie ffirmat il-kuntratt tat-3 ta' Marzu 2010. Ma jirrizultax li qatt kien hemm xi kwistjoni dwarhom. Il-qorti tippretendi li kieku kien hemm, il-punt kien jitqanqal fl-istadju meta kien qieghed jigi negozjat il-kuntratt iffirmat fit-3 ta' Marzu 2010.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-appell bl-ispejjez kontra s-socjeta' appellanti.**

Anthony Ellul.

---

[26] Paragrafu 5 tal-affidavit tal-appellat a fol 19.
[27] Fol 2.